PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2012/2175(DEC)**

1.3.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
(COM(2012)0436 – C7-0232/2012 – 2012/2175(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Papanikolaou

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-pagamenti globali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 għal infiq amministrattiv u nfiq ieħor tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ma kellhomx żbalji materjali u li s-sistemi superviżorji u ta' kontroll għal infiq amministrattiv u nfiq ieħor kienu effettivi;

2. Jifraħ lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-fatt li l-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri ma identifika l-ebda dgħufija sinifikanti fit-temi li ġew awditjati;

3. Jilqa' l-progress innutat mill-Qorti tal-Awdituri rigward it-titjib tal-ġestjoni tal-konċessjonijiet u l-kostatazzjoni li l-miżuri li ttieħdu kienu effettivi; jilqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li jkompli jtejjeb is-sistema tiegħu għal monitoraġġ u kontroll f'waqthom;

4. Jistieden b'mod ġenerali lill-Qorti tal-Awdituri tiffoka iktar fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività li bihom il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data uża l-approprjazzjonijiet tiegħu fit-twettiq tar-responsabilitajiet tiegħu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 21.2.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 50<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart, Janusz Wojciechowski |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Ivailo Kalfin, Iosif Matula, Ivo Vajgl |